MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-17 ta' Dicembru, 2009

Numru 1279/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**

**Versus**

**Youssef Essesi**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet kontra Yousef Essesi ta’ 17-il sena, iben Abdussalam u Bernadette nee’ Pirotta, imwieled il-Pieta’ nhar it-2 t’Ottubru 1991, preżentement residenti ġewwa l-Faċilita’ Korrettiva ta’ Kordin u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 509491 (M)

Akkużat talli

B’diversi atti magħmujlin ukoll jekk fi żminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u jkunu ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda:

(1) Fil-lejl tal-ewwel ta' Mejju 2009 u t-2 ta' Mejju 2009, minn ġewwa l-fond bl-isem 'Simpatia Crai' li jinsab fi Pjazza Meme' Scicluna l-Gżira, ikkomeeta serq ta' oġġetti, liema serq hua aggravate bil-mezz ubil-valur li jeċċedi l-mitejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċentenżmu (€232.94) iżda mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u teltin ċenteżnu (€2329.37) u bil-ħin dan għad-detriment ta' John Xuereb mill-Imsida u / jew persuna jew persuni oħra;

(2) U aktar talli fil-lejl tas-16 ta' Ġunju 2009 u s-17 ta' Ġunju 2009 minn ġewwa l-fond numru 50 Executive Booking Office li jinsab fi Tirq ix-Xatt, Tas-Sliema, ikkommetta s-serq ta' flus, liema serq huwa aggravate bil-mezz u bil-valur, li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux iżjed minn elfejn tleit mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentgeżmu (€2329.37) u bil-ħin għad-detriment ta' Yvonne mifsud minn Ħaż-Żebbuġ u / jew persuna jew persuni oħra;

(3) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix il-mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47), imma huwa iżjed mibnn tleit u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu, u dan għad0-detriment ta' Yvonne Mifsud minn Ħaż-Żebbuġ u / jew persuna jew persuni oħra;

(4) U aktar talli fil-lejlt ta' nhar il-21 ta' Ġunju 2009 u t-22 ta' Ġunju 2009, minn ġewwa l-fond numru 50 Executive Office jinsab fi Triq ix-Xatt tas-Slieam, ikkommetta serq ta' flus, liema serq huwa aggravate bil-mezz u bil-ħin u dan għadd-etriment ta' Yvonne Mifsud minn Ħaż-Żebbuġ u / jew persuna jew persuni oħra;

(5) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont tal-ħsara ma jsikorrix il-mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin

ċenteżmu (€116.47) imma iżjed minn tleita u għoxrin Euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) u dan għad-detriment ta' Yvonne mifsud minnn Ħaż-Żebbuġ u / jew persuna jew persuni oħra;

(6) U aktar talli fil-lejl tas-26 ta' Mejju 2009 u s-27 ta' Mejju 2009 minn ġewwa l-fond bl-isem 'Melange' li jinsab ġewwa l-kumpless Park Towers fi Triq Ġorġ Borg Olivier, San Ġiljan, ikkommetta serq ta' flus, liema serq huwa aggravate bil-mezz u bil-valur, li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro (€232.94) iżda mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tleitn ċenteżmu (€2,329.37), u bil-ħin u dan għad-detriment ta' Claire Vassallo mis-Swieqi u / jew persuna jew persuni oħra;

(7) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema  ammont tal-ħsara ma jiskorrix il-mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) imma iżjed minn tlieta u għoxrin Euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) u dan għad-detriment ta' Claire Vassallo mis-Swieqi u / jew persuna jew persuni oħra;

(8) U aktar talli fil-lejl ta' nhar it-tlettax (13)ta' Ġunju 2009 u l-14 ta' Ġunju 2009, minn ġewwa l-fond bl-isem 'Melange' li jinsab ġewwa l-kumpless Park Towers fi Triq Ġorġ Borg Olivier, San Ġiljan, ikkommetta serq ta' flus, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-ħin u dan għad-detriment ta' Claire Vassallo mis-Swieqi u / jew persuna jew persuni oħra;

(9) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema  ammont tal-ħsara ma jiskorrix il-mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) imma huwa iżjed minn tlieta u għoxrin Euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) u dan għad-detriment ta' Claire Vassallo mis-Swieqi u / jew persuna jew persuni oħra;

(10) U aktar talli f’xi ġurnata bejn is-27 ta’ Ġunju 2009 u l-1 Ġunju 2009 minn ġewwa l-fond bl-isem ‘Melange’ li jinsab ġewwa l-kumpless Park Towers fi Triq Ġorġ Borg Olivier, San Ġiljan, ikkommetta serq ta’ oġġetti liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-ħin u dan għad-detriment ta’ Claire Vassallo mis-Swieqi u / jew persuna jew persuni oħra;

(11) U aktar talli fil-lejl tat-30 ta’ Lulju 2009 u l-31 ta’ Lulju 2009, minn ġewwa l-fond Prive, li jinsab fi Trqi ix-Xatt Tas-Sliema, ikkommetta serq ta’ computer (lap top), liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur, li jeċċedi l-mitejn u tenjen u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux iżjed minn elfejn tleit mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin centeżmu (€2329.37) u bil-ħin u dan għad-detriment ta’ Marielle Calleja mill-Imsida u / jew persuna jew persuni oħra;

(12) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix l-elf mija u erbgħġa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1164.69) imma huwa iżjed minn tlieta u għoxrin Euro u sebgħa u għerbin ċenteżmu (€116..47) u dan għad-detriment ta’ Marielle Calleja mill-Imsida / jew persuna jew persuni oħra;

(13) U aktar talli f’xi ġurnata matul ix-xhur ta’ Mejju 2009 u Lulju 2009, minnn ġewwa l-fond 91, Triq ix-Xatt, Sliema, ikkommetta serq ta’ gġodda għad-dawl, liema serq huwa aggravate bil-mezz u bil-valur, li jeċċedi l-mitejn u tjen u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94 iżda mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-ħin għadd-etriment ta’ Charlie Borg u / jew persuna jew persuni oħra;

(14) U aktar talli fil-lejl ta’ bejn is-16 ta’ Ġunju 2009 u s-17 ta’ Ġunju 2009 minn fuq il-vapur bl-isem Atlanti, li kien jinsab marbut ix-Xatt ta’ Tas-Sliema, ikkommetta serq ta’ ikel u xorb, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-ħin u dan għad-detriment tal-kumpanija Captain Morgan Cruises u / jew persuna jew persuni oħra;

(15) Il-Qorti ġentilment intalbet biex titratta na' Youssef Essesi bħala li huwa reċediv b'sentenzi li saru definittivi u li ma jsitgħux jinbidlu.

Rat l-atti kollha tal-proċess, inklużi ċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li għandu n-numru 5094 tal-1991 u jindika d-data ta-twelid bħala t-2 t'Ottubru 1991, il-fedina penal ital-imputat, id-dokumenti KA2 sa KA 7 li juru r-rapporti li saru lill-Pulizija, id-dokumenti KA 8 u KA 9 li huma l-istqarrijiet maħgmula mill-imputat fis-27 ta' Novembru 2009 u fit-3 ta' Diċembru 2009 kif wkoll il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji.

Rat li fis-seduta tal-4 ta' Diċembru, 2009, il-Prosekuzzjoni irtirat l-addebitu tar-reċidiva għaliex fiż-żmein meta seħħu dawn ir-reati l-imputat ma kellu ebda kondanna.

Rat ukoll li fl-istess seduta l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet l-oħra kollha miġjuba kontrih, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li ngħata ħin biżżejjed biex jaħsibha u rega kkonferma l-istess ammissjoni fis-seduta ta' llum 17 ta' Dicembru 2009.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 18, 37, 49, 50, 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278(3), 325(1)(b)(c) tal-Kap 9 qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih minn numru 1 sa 14 b'dan tal-aħħar kompriż iżda bl-imputazzjoniji numru (3) assorbita fit-tieni imputazzjoni, bil-ħames imputazzjoni assorbita fir-raba' waħda, bis-seba' imputazzjoni assorbita fis-sitt imputazzjoni, bid-disa' imputazzjoni assorbita fit-tmien imputazzjoni, u bit-tnax l-imputazzjoni assorbita fil-ħdax l-imputazzjoni u dawn l-assorbmenti kollha huma ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9. Stante li l-Prosekuzzjoni rtirat l-addebitu ta-reċidiva, il-Qorti mhix tieħu konjizzjoni ta' dan l-addebitu.

Matul it-trattazzjoni, il-Qorti semgħet kif l-imputat kien għadu taħt l-eta’ meta kkommetta dawn is-serqiet u li dawn kolha saru minħabba li kien bil-ġuħ u ried jixtri xi ħaġa x’jiekol. Uħud minnhom huma ta’ entita’ tant żgħir li minn instraq lanqas biss kien intebaħ. Il-Qoti qed tqis ukoll li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u ammetta serqiet li lanqas biss kienu ġew irrapurtati.

Għalhekk il-Qorti, flok tikkundanna lill-imputat, qed tpoġġieh taħt il-ħarsien ta’ Probation Officer għal perjodu ta’ tliet snin mil-lum.

Il-Qorti fehmet lill-imputat xi jfisser l-Artikolu 7 tal-Kap 446 fi kliem sempliċi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------